MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2000

Citazzjoni Numru. 117/2000/1

**Gozo Village Holidays Limited .**

**VS**

**Micro Travel and Tourism Limited**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM2,493.35) rapprezentanti hlas ghal akkomodazzjoni turistika ipprovdut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta f'Ghawdex (Dok. A) ;**

**Illi s-socjeta' konvenuta f'diversi okkazjonijiet ipromettiet li ser thallas izda baqghet inadempjenti ;**

**Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tqanqal ghat-talbiet li qed isirulha u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili .**

**Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Taqta' u tiddecidi din il-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili .**
2. **Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM2,493.35) dovuti kif fuq spjegat .**

3. **Tikkundannaha thallas dan l-ammont flimkien ma' l-imghax skond il-Ligi b'effett mit-tnejn u ghoxrin (28) ta' Awissu ta' l-elf disa' u disgha u disghin (1999) cioe' id-data li fiha inghata l-ahhar servizz sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Marzu, 2000 u ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju, 2000 u tal-mandat ta' Sekwestru numru 508/00 u kif ukoll tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza .**

**Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Angelo Cefai ghan-nom tal-istess socjeta' attrici .**

**Rat ukoll l-affidavit tal-istess socjeta' attrici esebit bhala dokument B, ikkonfermat ukoll bil-gurament ta' l-istess Angelo Cefai, ghan-nom tas-socjeta' attrici .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta li ggib id-data tat-12 ta' Lulju, 2000 .**

**Rat ukoll id-differiment tal-kawza illi sar permezz ta' verbal ta' l-4 ta' Awissu, 2000 .**

**Innutat illi hadd ma deher ghas-socjeta' konvenuta ghall-udjenza tal-lum, ghal liema data kienet giet differita din il-kawza .**

**Semghet lil Dottor Michael Grech ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu kollu dovut, u li fil-mori tal-kawza ma thallas ebda parti minnu lis-socjeta' attrici .**

**Il-Qorti, ghal hekk u fl-assenza ta' xi hadd ghas-socjeta' konvenuta, peress li din hija kawza bil-procedura tal-giljottina a tenur tal-artiklu 167 tal-Kap 12, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM2,493.35) ; tikkundannaha thallas dan l-ammont flimkien ma' l-ammont skond il-ligi b'effett mit-28 ta' Awissu, 1999, cioe' id-data li fiha inghata l-ahhar servizz sad-data tal-pagament relattiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Marzu, 2000 u ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju, 2000 u tal-mandat ta' Sekwestru numru 508/00 u kif ukoll tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, kollox kontra l-istess socjeta' konvenuta .**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------